

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/419

tal-24 ta' Frar 2023

li jimplimenta l-Artikolu 8a tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarusija u l-involviment tal-Belarusija fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarusija u l-involviment tal-Belarusija fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 765/2006.
- (2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK ⁽²⁾, il-Kunsill iddeċieda li jenħtieġ li l-miżuri restrittivi stabbiliti fiha jiġġeddu sat-28 ta' Frar 2024.
- (3) Jenħtieġ li l-entrati relatati ma' 21 persuna fiżika u żewġ persuni ġuridiċi inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 jiġu emendati.
- (4) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarusija u l-involviment tal-Belarusija fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna (ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Frar 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
J. ROSWALL

ANNEX

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Tabella “A. Persuni fiżiċi msemmija fl-Artikolu 2(1)”, l-entrati 10, 17, 20, 22, 35, 39, 41, 42, 64, 65, 71, 73, 75, 78, 85, 87, 89, 90, 123, 125 u 179 huma sostitwiti b’dan li ġej:

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
“10.	Khazalbek Baktibekavich ATABEKAU Khazalbek Bakhtibekovich ATABEKOV	Хазалбек Бактібекавіч АТАБЕКАЎ Хазалбек Бахтибекович АТАБЕКОВ	Pożizzjoni(jiet): Eks Viċi Kmandant tat-Truppi Interni Data tat-twelid: 18.3.1967 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Viċi Kmandant tat-Truppi Interni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, b'mod partikolari t-Truppi Interni taħt il-kmand tiegħu, wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrari u t-trattament ħażin, inkluża t-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Huwa ġie mgħoddi għar-riżerva militari f'Marzu 2022 permezz tad-digriet ta' Aliksandr Lukashenka. Huwa għandu d-dritt jilbes uniformi u insinja militari.	2.10.2020
17.	Andrei Vasilievich GALENKA Andrey Vasilievich GALENKA	Андрэй Васільевіч ГАЛЕНКА Андрей Васильевич ГАЛЕНКА	Pożizzjoni(jiet): L-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni fid-Distrett ta' Moskovski, Minsk, Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Viċi Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni fid-Distrett ta' Moskovski, Minsk u Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija f'dak id-distrett kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrari u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura. Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka u qed iservi bħala l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni fid-Distrett ta' Moskovski, Minsk, Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika.	2.10.2020

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
20.	Anatol Anatolievich VASILIEU Anatoli Anatolievich VASILIEV	Анатоль Анатольевіч ВАСІЛЬЕЎ Анатолій Анатольевич ВАСИЛЬЕВ	Pożizzjoni(jiet): L-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel, Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika Eks Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel, Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika, Eks Viċi President tal-Kumitat Investigattiv Data tat-twelid: 26.1.1972 Post tat-twelid: Gomel/Homyel, Gomel/Homyel Region/Oblast, qabel il-USSR (illum Belarus) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel u Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija f'dak ir-reġjun/l-oblast kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrari u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura. Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel, Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika.	2.10.2020
22.	Leanid ZHURAVSKI Leonid ZHURAVSKI	Леонід ЖУРАЎСЬКІ Леонид ЖУРАВСКИЙ	Pożizzjoni(jiet): Eks Kap tal-OMON ("Stakkament tal-Pulizija għal Skopijiet Speċjali") f'Vitebsk/Viciebsk Data tat-twelid: 20.9.1975 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu ta' kmand fuq il-forzi tal-OMON f'Vitebsk/Viciebsk, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-OMON f'Vitebsk/Viciebsk wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrari u t-trattament ħażin ta' dimostranti paċifiċi.	2.10.2020

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
35.	Alena Mikalaeuna DMUHAILA Elena Nikolaevna DMUHAILO	Алена Мікалаеўна ДМУХАЙЛА Елена Николаевна ДМУХАЙЛО	Pożizzjoni(jiet): Eks Segretarju tal- Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) Data tat-twelid: 1.7.1971 Sess: mara	Fil-pożizzjoni preċedenti tagħha bħala s-Segretarju tas-CEC, hija kienet responsabbli għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, tal-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandards internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni. B'mod partikolari, is-CEC u t-tmexxija tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamli restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-osservaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata.	2.10.2020
39.	Sviatlana Piatrouna KATSUBA Svetlana Petrovna KATSUBO	Святлана Пятроўна КАЦУБА Светлана Петровна КАЦУБО	Pożizzjoni(jiet): Eks Membru tal- Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) Data tat-twelid: 6.8.1959 Post tat-twelid: Podilsk, Odessa Region/Oblast, qabel il-USSR (illum Ukraine) Sess: mara	Fil-pożizzjoni preċedenti tagħha bħala membru tal-kulleġġ tas-CEC, hija kienet responsabbli għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, tal-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandards internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni. B'mod partikolari, is-CEC u l-kulleġġ tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamli restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-osservaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata.	2.10.2020
41.	Igar Anatolievich PLYSHEUSKI Ihor Anatolievich PLYSHEVSKIY	Ігар Анатольевіч ПЛЫШЭЎСКІ Ігорь Анатольевич ПЛЫШЕВСКИЙ	Pożizzjoni(jiet): Eks Membru tal- Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) Data tat-twelid: 19.2.1979 Post tat-twelid: Lyuban, qabel il-USSR (illum Belarus) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala membru tal-kulleġġ tas-CEC, huwa kien responsabbli għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, tal-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandards internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni. B'mod partikolari, is-CEC u l-kulleġġ tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamli restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-osservaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata.	2.10.2020

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
42.	Marina Yureuna RAKHMANAVA Marina Yurievna RAKHMANOVA	Марына Юр'еўна РАХМАНАВА Марина Юрьевна РАХМАНОВА	Pożizzjoni(jiet): Eks Membru tal- Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) Data tat-twelid: 26.9.1970 Sess: mara	Fil-pożizzjoni preċedenti tagħha bħala membru tal-kulleġġ tas-CEC, hija kienet responsabbli għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, tal-proċess elettoral presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandards internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni. B'mod partikolari, is-CEC u l-kulleġġ tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-osservaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettoral taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata.	2.10.2020
64.	Pavel Mikalaevich ЛІОНКІ Pavel Nikolaevich ЛІОНКІ	Павел Мікалаевіч ЛЁГКІ Павел Николаевич ЛЁГКИЙ	Pożizzjoni(jiet): Ministru kunsillier fl-ambaxxata Belarussa f'Moska, ir-Russja, Eks l-Ewwel Viċi Ministru għall-Informazzjoni Data tat-twelid: 30.5.1972 Post tat-twelid: Baranavichy, qabel il-USSR (illum Belarus) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija tiegħu bħala l-Ewwel Viċi Ministru għall-Informazzjoni, huwa kien responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili, u b'mod partikolari għad-deċiżjoni tal-Ministeru għall-Informazzjoni li jitwaqqaf l-aċċess għal siti web indipendenti u jillimita l-aċċess għall-Internet fil-Belarussja wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, bħala għodda ta' repressjoni tas-soċjetà ċivili, tad-dimostranti paċifiċi u tal-ġurnalisti. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala Ministru kunsillier fl-ambaxxata Belarussa f'Moska, ir-Russja.	17.12.2020
65.	Ihar Uladzimiravich LUTSKY Igor Vladimirovich LUTSKY	Ігар Уладзіміравіч ЛУЦКІ Ігорь Владимирович ЛУЦКИЙ	Pożizzjoni(jiet): Viċi Kap tal- Amministrazzjoni Presidenzjali, eks Ministru għall-Informazzjoni Data tat-twelid: 31.10.1972 Post tat-twelid: Stolin, Brest Region/Oblast, qabel il-USSR (illum Belarus) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija tiegħu bħala Ministru għall-Informazzjoni, huwa kien responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili, u b'mod partikolari għad-deċiżjoni tal-Ministeru għall-Informazzjoni li jitwaqqaf l-aċċess għal siti web indipendenti u jillimita l-aċċess għall-Internet fil-Belarussja wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, bħala għodda ta' repressjoni tas-soċjetà ċivili, tad-dimostranti paċifiċi u tal-ġurnalisti. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala Viċi Kap tal-Amministrazzjoni Presidenzjali.	17.12.2020

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
71.	Dzmitry Aliaksandravich KURYAN Dmitry Alexandrovich KURYAN	Дзмітрый Аляксандравіч КУРЯН Дмитрий Александрович КУРЯН	Pożizzjoni(jiet): Il-Viċi Kap tal- milizzja pubblika tal-Akkademja tal- Ministeru għall-Affarijiet Interni, Kurunell tal-Pulizija, eks Viċi Kap tad- Dipartiment Ewlieni u Kap tad- Dipartiment tal-Infurzar tal-Liġi fil- Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: 3.10.1974 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija tiegħu bħala Viċi Kap tad- Dipartiment Ewlieni u Kap tad-Dipartiment tal-Infurzar tal-Liġi fil- Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa kien responsabbli għall- kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal- pulizija wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrariji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, tad- dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza fuq il-ġurnalisti. Huwa jibqa' attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Viċi Kap tal- milizzja pubblika tal-Akkademja tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni u jibqa' jżomm il-grad ta' Kurunell tal-Pulizija.	17.12.2020
73.	Dzmitry Mikalaevich SHUMILIN Dmitry Nikolayevich SHUMILIN	Дзмітрый Мікалаевіч ШУМІЛІН Дмитрий Николаевич ШУМИЛИН	Pożizzjoni(jiet): Viċi Kap tad- Direttorat għall-Protezzjoni tal-Ordni Pubbliku u l-Prevenzjoni, eks Viċi Kap tad-dipartiment għall-avvenimenti tal-massa tal-GUVD (Dipartiment Ewlieni għall-Affarijiet Interni) tal- Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk Data tat-twelid: 26.7.1977 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Viċi Kap tad-dipartiment għall-avvenimenti tal-massa tal-GUVD tal-Kumitat Eżekuttiv tal- Belt ta' Minsk, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-apparat lokali wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrariji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Huwa ġie ddokumentat li ħa sehem personalment fid-detenzjoni illegali ta' dimostranti paċifiċi. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala Viċi Kap tad- Direttorat għall-Protezzjoni tal-Ordni Pubbliku u l-Prevenzjoni tal- GUVD (Dipartiment Ewlieni għall-Affarijiet Interni) tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk.	17.12.2020

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
75.	Siarhei Leanidavich KALINNIK Sergei Leonidovich KALINNIK	Сяргей Леанідавіч КАЛИННИК Сергей Леонидович КАЛИННИК	Pożizzjoni(jiet): Eks Kurunell tal- Pulizija, Kap tad-Dipartiment tal- Pulizija Distrettwali Sovetsky ta' Minsk Data tat-twelid: 23.7.1979 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment tal- Pulizija Distrettwali Sovetsky ta' Minsk, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija lokali taħt il-kmand tiegħu wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Skont ix-xhieda huwa ssorvelja personalment u ħa sehem fit-tortura ta' dimostranti detenuti illegalment.	17.12.2020
78.	Aliaksandr Aliaksandravich PIETRASH Alexander (Alexandr) Alexandrovich PETRASH	Аляксандр Аляксандравіч ПЕТРАШ Александр Александрович ПЕТРАШ	Pożizzjoni(jiet): President tal-Qorti tad-Distrett ta' Tsentralny f'Minsk, eks President tal-qorti tad-distrett ta' Moskovski f'Minsk Data tat-twelid: 16.5.1988 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala president tal-qorti tad- distrett ta' Moskovski f'Minsk, huwa kien responsabbli għal bosta deċiżjonijiet politikament motivati kontra ġurnalisti, mexxejja tal- oppożizzjoni, attivisti u dimostranti. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tiegħu, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad- difiża u dipendenza fuq dikjarazzjonijiet minn xhieda foloz. Huwa kien strumentali fl-immultar u d-detenzjoni ta' dimostranti, ġurnalisti u mexxejja tal-oppożizzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfen tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala president tal-Qorti tad-Distrett ta' Tsentralny f'Minsk.	17.12.2020

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
85.	Yulia Chaslavauna HUSTYR Yulia Cheslavovna HUSTYR	Юлія Чаславаўна ГУСТЫР Юлія Чеславовна ГУСТЫР	Pożizzjoni(jiet): avukat fl-uffiċċju tal- għajjnuna legali tad-distrett ta' Kastrychnitski f'Minsk, eks Imħallef tal-Qorti tad-distrett ċentrali f'Minsk Data tat-twelid: 14.1.1984 Sess: mara	Fil-pożizzjoni preċedenti tagħha bħala mħallef tal-Qorti tad-distrett ċentrali f'Minsk, hija kienet responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar tal- kandidat presidenzjali tal-oppożizzjoni Viktor Babarika. Waqt proċessi mwettqa taħt is-supervizzjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfen tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. Hija għadha attiva fir-reġim ta' Lukashenka bħala avukat fl-uffiċċju tal-għajjnuna legali tad-distrett ta' Kastrychnitski f'Minsk.	17.12.2020
87.	Aliaksandr Vasilevich SHAKUTSIN Aleksandr Vasilevich SHAKUTIN	Аляксандр Васільевіч ШАКУЦІН Александр Васильевич ШАКУТИН	Pożizzjoni(jiet): Negożjant, president tal-bord tad-diretturi ta' Amkodor holding, azzjonist ta' SV Maschinen GmbH, UAB EM System, Anulatrans SIA, Amkodor-Tsentr, ООО Iskamed, ООО PMI Inzhiniring, Data tat-twelid: 12.1.1959 Post tat-twelid: Bolshoe Babino, Orsha Rayon, Vitebsk/Viciebsk Region/Oblast, qabel il-USSR (illum Belarus) Sess: raġel	Huwa wieħed min-negożjanti ewlenin li joperaw fil-Belarussja, b'interessi kummerċjali fis-setturi tal-kostruzzjoni, tal-bini tal- magni, tal-agrikoltura u oħrajn. Huwa rrapportat li huwa wieħed mill-persuni li bbenefikaw l-aktar mill-privatizzazzjoni matul il-mandat ta' Lukashenka bħala President. Huwa wkoll eks membru tal-presidju tal-assoċjazzjoni pubblika favur Lukashenka "Belaya Rus" u eks membru tal-Kunsill għall-Iżvilupp tal-Intraprenditorija fir-Repubblika tal-Belarussja. F'Lulju 2020 għamel kummenti pubbliċi li kkundannaw il-protesti tal-oppożizzjoni fil-Belarussja, u b'hekk appoġġa l-politika ta' repressjoni tar-reġim ta' Lukashenka lejn dimostranti paċifiċi, l-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili. Għaldaqstant huwa qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah. Huwa għad għandu interessi kummerċjali fil-Belarussja.	17.12.2020

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
89.	Natallia Mikhailauna BUHUK Natalia Mikhailovna BUGUK	Наталля Міхайлаўна БУТУК Наталья Михайловна БУТУК	Pożizzjoni: imħallef tal-Qorti tal-Belt ta' Minsk, eks imħallef fil-qorti tad-distrett ta' Fruzensky f'Minsk Data tat-twelid: 19.12.1989 Post tat-twelid: Minsk, qabel il-USSR (illum Belaruss) Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni preċedenti tagħha bħala imħallef tal-qorti tad-distrett ta' Fruzensky f'Minsk, Natallia Buhuk kienet responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar ta' Katsiaryna Bakhvalava (Andreyeva) u Darya Chultsova. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt ta' proċess ġust. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. Hija għadha attiva fir-reġim ta' Lukashenka bħala imħallef tal-Qorti tal-Belt ta' Minsk.	21.6.2021
90.	Alina Siarhieeuna KASIANCHYK Alina Sergeevna KASYANCHYK	Аліна Сяргееўна КАСЬЯНЧЫК Алина Сергеевна КАСЬЯНЧИК	Pożizzjoni: prosekutur fl-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Belt ta' Minsk, eks Assistent Prosekutur fil-Qorti tad-Distrett ta' Frunzensky f'Minsk Data tat-twelid: 12.3.1998 Post tat-twelid: Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni preċedenti tagħha bħala assistent prosekutur fil-Qorti tad-Distrett ta' Fruzensky f'Minsk, Alina Kasianchyk irrappreżentat ir-reġim ta' Lukashenka f'kawżi politikament motivati kontra ġurnalisti, attivisti u dimostranti. B'mod partikolari, hija ħarrket lill-ġurnalisti Katsiaryna Bakhvalava (Andreyeva) u Darya Chultsova talli rreġistraw protesti paċifiċi, fuq l-akkużi bla bażi ta' "reat ta' assoċjazzjoni" u "ksur tal-ordni pubbliku". Hija ħarrket ukoll membri tas-soċjetà ċivili Belarussa eż. talli hađu sehem fi protesti paċifiċi, u sellmu lid-dimostrant maqtul Aliaksandr Taraikousky. Hija kontinwament talbet lill-imħallef għal sentenzi ta' ħabs fit-tul. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. Hija għadha attiva fir-reġim ta' Lukashenka bħala prosekutur fl-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Belt ta' Minsk.	21.6.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
104.	Andrei Vaclavavich HRUSHKO Andrei Vatslavovich GRUSHKO	Андрэй Вацлававіч ГРУШКО Андрей Вацлавович ГРУШКО	Pożizzjoni: Viċi President tal-Qorti tad-Distrett ta' Leninsky ta' Brest, eks Imhalef tal-Qorti tad-Distrett ta' Leninsky ta' Brest Data tat-twelid: 24.1.1979 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Leninsky ta' Brest, Andrei Hrushko huwa responsabbli għal bosta deċizzjonijiet politikament motivati kontra dimostranti paċifiċi, b'mod partikolari bis-sentenzjar ta' attivisti, rikonoxxuti bħala priġunieri politiċi, u ta' minorenni. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal- bniedem u d-dgħajfen serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. Bħalissa huwa jservi bħala d-Deputat President tal-Qorti tad-Distrett ta' Leninsky ta' Brest.	21.6.2021
123.	Aliaksandr Yauhenavich SHATROU Alexander (Alexandr) Evgenovich SHATROV	Аляксандр Яўгенавіч ШАТРОЎ Александр Евгеньевич ШАТРОВ	Pożizzjoni(jiet): Negożjant, azzjonist u eks kap ta' Synesis LLC Data tat-twelid: 9.11.1978 Post tat-twelid: qabel il-USSR (illum Russian Federation) Sess: raġel Nazjonalità: Russa, Belarussa ID personali: 3091178A002VF5	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala eks kap u eks azzjonist maġġoritarju ta' Synesis LLC, Alexander Shatrov kien responsabbli għal dik id-deċizzjoni ta' dik il-kumpanija li tipprovd lill-awtoritajiet Belarussi pjattaforma ta' sorveljanza, Kipod, li tista' tfittex f'filmati u tanalizzahom, u tuża software ta' rikonoxximent tal-wiċċ. Għaldaqstant qed jikkontribwixxi għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika mill-apparat tal-istat. Synesis issostni li waqfet tipprovd lill-awtoritajiet Belarussi bil-pjattaforma Kipod, iżda skont ir-rapporti tal-ByPOL, Kipod għadha tintuża mill-aġenziji tas-sigurtà tal-istat. Synesis hija waħda mir-residenti tal-Hi-Tech Park, maħluqa b'digriet ta' Aliaksandr Lukashenka, u bħala tali tgawdi bosta benefiċċji, inkluż eżenzjonijiet mit-taxxa fuq l-introjtu, il-VAT, id-dazju offshore, id-dazji doganali u oħrajn. Synesis LLC u s-sussidjarja tagħha Panoptes ibbenefikaw mis-sehem tagħhom fis-Sistema ta' Monitoraġġ tas-Sikurezza Repubblikana. Kumpaniji oħra li tagħhom Shatrov kien proprjetarju jew kopprjetarju, bħal BelBet u Synesis Sport, ukoll ibbenefikaw minn kuntratti tal-gvern. Huwa għamel sqarrijiet pubbliċi fejn ikkritika lil dawk li kienu qed jipprotestaw kontra r-reġim ta' Lukashenka u qiegħed f'perspettiva n-nuqqas ta' demokrazija fil-Belarussja. Għaldaqstant huwa jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u jappoġġah. Huwa għadu azzjonist ta' Synesis LLC.	21.6.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
125.	Mikhail Safarbekovich GUTSERIEV	Микаил (Михаил) Сафарбекович ГУЦЕРИЕВ	<p>Pożizzjoni(jiet): Negożjant, azzjonist u president tal-bord eżekuttiv ta' Slavkali, president tal-bord tad-diretturi u azzjonist ta': JSC Mospromstroj, Industrial Financial Group Safmar JSC, LLC Proekt Grad.</p> <p>Membru tal-bord tad-diretturi u azzjonist ta' JSC NKNeftisa</p> <p>Data tat-twelid: 9.5.1958</p> <p>Post tat-twelid: Akmolinsk, qabel il-USSR (illum Kazakhstan)</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p>	<p>Mikhail Gutseriev huwa negożjant prominenti Russu, b'interessi kummerċjali fil-Belarussja fis-setturi tal-enerġija, tal-potassa, tal-ospitalità u oħrajn. Huwa ilu żmien twil konoxxenza ta' Aliaksandr Lukashenka u bis-saħħa ta' dik l-assoċjazzjoni akkumula ġid u influwenza sinifikanti fost l-elit politiku fil-Belarussja. Safmar, kumpanija li kienet ikkontrollata minn Gutseriev, kienet l-unika ditta taż-żejt Russa li komplet tforni ż-żejt lir-raffineriji Belarussi waqt il-kriżi tal-enerġija bejn il-Belarussja u r-Russja fil-bidu tal-2020.</p> <p>Gutseriev appoġġa wkoll lil Lukashenka f'wilwim mar-Russja dwar il-kunsinni taż-żejt. Gutseriev kien il-president tal-bord tad-diretturi u azzjonist fil-kumpanija Slavkali, li qed tibni l-impjant ta' Nezhinsky għat-tħaffir u l-ipproċessar tal-klorur tal-potassju bbażat fuq id-depożitu ta' melħ potassiku ta' Starobinsky qrib Lyuban. Huwa l-akbar investment fil-Belarussja, b'valur ta' USD 2 biljun. Lukashenka wiegħed li jibdel l-isem tal-belt ta' Lyuban għal Gutserievsk biex jagħtih ġieħ.</p> <p>In-negożji l-oħrajn tiegħu fil-Belarussja inkludew stazzjonijiet tal-fjuwil u mħażen taż-żejt, lukanda, ċentru tan-negożju u terminal tal-ajruport f'Minsk. Lukashenka ddefenda lil Gutseriev wara li nbdiest investigazzjoni kriminali kontrih fir-Russja. Lukashenka rringrazzja wkoll lil Gutseriev għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji tiegħu għall-karità u l-investimenti ta' valur ta' biljuni ta' dollari fil-Belarussja. Gutseriev huwa rappurtat li rregala lil Lukashenka rigali lussużi.</p> <p>Gutseriev ddikjara wkoll li huwa s-sid ta' residenza, li de facto tappartjeni lil Lukashenka, u b'hekk għattielu meta l-ġurnalisti bdew jinvestigaw l-assi ta' Lukashenka. Gutseriev attenda l-inawgurazzjoni sigrieta ta' Lukashenka fit-23 ta' Settembru 2020. F'Ottubru 2020, Lukashenka u Gutseriev it-tnejn deħru fil-ftuħ ta' knisja ortodossa, li dan tal-aħħar sponsorja.</p> <p>Skont rapporti tal-media, meta l-impjegati tal-media tal-istat Belarussa li kienu qed jistrakjaw tkeċċew f'Awwissu 2020, ħaddiema tal-media Russi twasslu lejn il-Belarussja abbord inġenji tal-ajru li jappartjenu lil Gutseriev sabiex jissostitwixxu l-ħaddiema mkeċċija, u qagħdu fil-lukanda Minsk Renaissance Hotel li tappartjeni lil Gutseriev. Gutseriev assista fl-akkwist tal-iskanners tas-CT għall-Belarussja matul il-kriżi tal-COVID-19. Għaldaqstant Mikhail Gutseriev qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah.</p>	21.6.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
129.	Aleh Mikalaevich, BELIAKOU Oleg Nikolaevich BELIAKOV	Алег Мікалаевіч БЕЛЯКОЎ Олег Николаевич БЕЛЯКОВ	Pożizzjoni: Kap tad-Dipartiment tal- ħidma ideoloġika u l-appoġġ tal- persunal fil- Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Belarussja, eks Viċi Kap tad- Dipartiment tal-Korrezzjoni Penali tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu ta' Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni b'awtorità fuq il-faċilitajiet ta' detenzjoni, Aleh Beliakou kien responsabbli għat- trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fil-konfront ta' ċittadini li ħadu sehem fi protesti paċifiki u ġew detenuti f'dawk il-faċilitajiet ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, f'konformità mad-diskors li Lukashenka ta lill-uffiċjali tal-Ministeru għall-Intern. Fil-pożizzjoni tiegħu, iġorr responsabbiltà għall-kondizzjonijiet tad-detenzjoni fil-ħabsijiet Belarussi, inkluż il-kategorizzazzjoni tal- ħabsin skont it-tipi differenti ta' maltrattament u tortura li d-detenu ti jġu soġġetti għalihom, bħal abbuż verbali, iżolament punittiv, tiċħid ta' telefonati u żjarat, mutilazzjoni, swat u tortura brutali. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal- bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala Kap tad- Dipartiment tal-ħidma ideoloġika u l-appoġġ tal-persunal fil- Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Belarussja.	21.6.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
131.	Andrei Mikalaevich DAILIDA Andrei Nikolaevich DAILIDA	Андрэй Мікалаевіч ДАЙЛІДА Андрей Николаевич ДАЙЛИДА	Pożizzjoni: Kap tad-Dipartiment tal- Appoġġ minn Wara l-Kwinti fil- Ministeru għall-Affarijiet Interni tal- Belarussja, eks Viċi Kap tad- Dipartiment tal-Korrezzjoni Penali tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: 1.7.1974 Post tat-twelid: Passaport: KH21 33825 Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu ta' Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni b'awtorità fuq il-faċilitajiet ta' detenzjoni, Andrei Dailida kien responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fil-konfront ta' ċittadini li haċu sehem fi protesti paċifiċi u ġew detenuti f'dawk il-faċilitajiet ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, f'konformità mad-diskors li Lukashenka ta lill-uffiċjali tal-Ministeru għall-Intern. Fil-pożizzjoni tiegħu, iġorr responsabbiltà għall-kondizzjonijiet tad-detenzjoni fil-ħabsijiet Belarussi, inkluż il-kategorizzazzjoni tal-ħabsin skont it-tipi differenti ta' maltrattament u tortura li d-detenui jiġu soġġetti għalihom, bħal abbuż verbali, iżolament punittiv, tiċħid ta' telefonati u żjarat, mutilazzjoni, swat u tortura brutali. Għall-ħidma tiegħu bħala Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni, f'Diċembru 2020 huwa nġhata l-Ordni Presidenzjali għas-servizz lill-Art tat-twelid u għalhekk ibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tal-Appoġġ minn Wara l-Kwinti fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni.	21.6.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
179.	Andrei Andreevich PRAKAPUK Andrey Andreevich PROKOPUK	Андрэй Андрэвіч ПРАКАПУК Андрей Андреевич ПРОКОПУК	<p>Pożizzjoni: Direttur tal-Intrapriża Unitarja Repubblikana "Brest Center for Standardisation, Metrology and Certification" (Ċentru ta' Brest għall-Istandardizzazzjoni, il-Metroloġija u ċ-Ċertifikazzjoni), eks Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Finanzjarji tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tar-Repubblika tal-Belarussja</p> <p>Kurunell tal-Pulizija Finanzjarja</p> <p>Data tat-twelid: 22.7.1973</p> <p>Post tat-twelid: Kobrin, Brest region, Belarus</p> <p>Indirizz: 22 Mira St., apt. 88, Priluki, Minsk, Belarus</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Nazzjonalità: Belarussa</p> <p>ID personali: 3220773C061PB1</p>	<p>Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala l-Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Finanzjarji tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tar-Repubblika tal-Belarussja, Andrei Prakapuk kien responsabbli għall-kampanji politikament motivati ta' dak id-dipartiment kontra ġurnalisti u entitajiet tal-media indipendenti Belarussi. Huwa approva personalment deċiżjoni biex issir tfittxja tal-bini tal-entità tal-media indipendenti TUT.by u beda kawża tal-qorti kontra TUT.by u l-ġurnalisti impjegati minn TUT.by, kif ukoll imblokka l-aċċess għas-sit web ta' TUT.by.</p> <p>Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika kif ukoll għad-dgħajfen serju tal-istat tad-dritt.</p> <p>Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala Direttur tal-Intrapriża Unitarja Repubblikana "Brest Center for Standardisation, Metrology and Certification" (Ċentru ta' Brest għall-Istandardizzazzjoni, il-Metroloġija u ċ-Ċertifikazzjoni).</p>	2.12.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
195.	Ivan Ivanavich GALAVATYI Ivan Ivanovich GOLOVATY	Іван Іванавіч ГАЛАВАТЫ Иван Иванович ГОЛОВАТЫЙ	<p>Pożizzjoni(jiet): Direttur Ġenerali tal-kumpanija limitata b'ishma miftuħa "Belaruskali", President tal-bord superviżorju ta' JSC Belarussian Potash Company.</p> <p>Membru tal-Kumitat Permanenti tal-Kunsill tar-Repubblika tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà Nazzjonali</p> <p>Data tat-twelid: 15.6.1976</p> <p>Post tat-twelid: Pogost Settlement, Soligorsk District, Minsk Province, Belarus</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Nazzjonalità: Belarussa</p>	<p>Ivan Galavaty huwa d-Direttur Ġenerali tal-intrapriża statali Belaruskali, li hija sors ewlieni ta' dħul u munita barranija għar-reġim ta' Lukashenka. Huwa membru tal-Kunsill tar-Repubblika tal-Assemblea Nazzjonali u għandu diversi pożizzjonijiet għolja oħra fil-Belarussja. Barra minn hekk, huwa l-President tal-bord superviżorju ta' JSC Belarussian Potash Company. Huwa rċieva diversi premijiet statali, inkluż direttament mingħand Aliaksandr Lukashenka, matul il-karriera tiegħu. Huwa kien assoċjat mill-qrib ma' Lukashenka u membri tal-familja tiegħu. Għaldaqstant huwa qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah.</p> <p>L-impjegati tal-Belaruskali li ħadu sehem fi strajks u protesti paċifiċi wara l-elezzjonijiet presidenzjali frodulenti ta' Awwissu 2020 fil-Belarussja, ġew imċaħħda minn premiums u sfaw imkeċċija. Lukashenka nnifsu hedded personalment li jissostitwixxi lil dawk li strajkaw b'minaturi mill-Ukrajna. Għaldaqstant, Ivan Galavaty huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.</p>	3.6.2022"

(2) fit-Tabella “B. Persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 2(1)”, l-entrati 5 u 29 huma sostitwiti b’dan li ġej:

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta’ identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
“5.	SYNESIS LLC	ООО “Синезис”	Indirizz: 220005, Minsk, Platonova 20B Belarus; Mantulinskaya 24, Moscow 123100, Russia. Numru tar-reġistrazzjoni (УНН/ИИИ): 190950894 (Belarussja); 7704734000/ 770301001 (Russja). Sit web: https://synesis.partners ; https://synesis-group.com/ Tel. +375 (17) 240-36-50 Indirizz elettroniku: yuriy.serbenkov@synesis.by	Synesis LLC iprovdiet lill-awtoritajiet tal-Belarussja bi pjattaforma ta’ sorveljanza Kipod, li tista’ tfittex u tanalizza filmati u tuża software ta’ rikonoxximent tal-wiċċ, li jagħmel lill-kumpanija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika mill-apparat tal-istat fil-Belarussja. Il-Kumitat għas-Sigurtà tal-Istat tal-Belarussja (KGB) u l-Ministeru għall-Affarijiet Interni ġew elenkati bħala utenti ta’ sistema maħluqa minn Synesis. Il-kumpanija għalhekk qed tibbenefika mill-assoċjazzjoni tagħha mar-reġim ta’ Lukashenka u qed tappoġġah. Synesis issostni li waqfet tipprovdi lill-awtoritajiet Belarussi bil-pjattaforma Kipod, iżda skont ir-rapporti tal-ByPOL, Kipod għadha tintuża mill-aġenziji tat-titoli tal-Istat. Synesis hija waħda mir-residenti tal-Hi-Tech Park, maħluqa b’digriet ta’ Aliaksandr Lukashenka, u bħala tali tgawdi bosta benefiċċji, inkluż eżenzjonijiet mit-taxxa fuq l-introjt, il-VAT, id-dazju offshore, id-dazji doganali u oħrajn.	17.12.2020
29.	Kumpanija Limitata b’Ishma ‘Belarusian Potash Company’	ААТ “Беларуская “калійная кампанія” ОАО “Белорусская калийная компания”	Indirizz: 35 Masherova Ave., 220002 Minsk, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 13.9.2013 Numru tar-reġistrazzjoni: 192050251 Tel. +375 (17) 309-30-10; +375 (17) 309-30-30 Indirizz elettroniku: info@belpc.by	JSC Belarusian Potash Company hija l-fergħa esportatriċi tal-produttur tal-potassa statali tal-Belarussja Belaruskali. Belaruskali hija waħda mill-akbar sorsi ta’ dħul għar-reġim ta’ Lukashenka. Il-provvisti mill-Belarusian Potash Company jammontaw għal 20 % tal-esportazzjonijiet globali tal-potassa. L-istat iggarantixxa d-drittijiet ta’ monopolju tal-Belarusian Potash Company biex tesporta fertilizzanti tal-potassju. Bis-saħħa tat-trattament preferenzjali mill-awtoritajiet Belarussi, il-kumpanija taqla’ dħul sostanzjali. Għaldaqstant, il-Belarusian Potash Company tibbenefika mir-reġim ta’ Lukashenka u tappoġġah.	3.6.2022”